

32002L0041

L 133/17

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.5.2002

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/41/KE

tas-17 ta' Mejju 2002

li tadatta għall-progress tekniku d-direttiva 95/1/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill dwar il-veloċità massima ddisinjata, it-torque massimu u l-qawwa netta massima tal-magna ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' veturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/7/KE ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 95/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Frar 1995 dwar il-veloċità massima ddisinjata, it-torque massimu u l-qawwa netta massima tal-magna ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 95/1/KE hija waħda mid-direttivi separati taħt il-proċedura Komunitarja ta' l-approvazzjoni tat-tip introdotta bid-Direttiva 92/61/KEE. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/61/KEE li jirrelataw għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għal vetturi għalhekk japplikaw għad-Direttiva 95/1/KE.
- (2) Sabiex is-sistema kompleta ta' l-approvazzjoni tat-tip tif-funzjona sewwa huwa neċessarju li jiġu kkjarifikati jew supplimentati ċerti ħtiġiet tad-Direttiva 95/1/KE.
- (3) Għal dak l-iskop, huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-valuri li għandhom jiġu iskritti fir-rapport tat-test sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni konsistenti tad-Direttiva 95/1/KE fil-każ ta' ċiklomuturi, muturi u triċikli b'magni bl-*ispark-ignition* u vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tliet ta' *ignition* bil-kompressjoni.
- (4) Id-Direttiva 95/1/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif adattat.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għal Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/116/KE ⁽⁵⁾,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi mad-Direttiva 95/1/KE huma emendati skond l-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Lulju 2003, Stati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li jirrelataw għall-veloċità massima ddisinjata, it-torque

massimu u l-qawwa massima netta tal- magna:

- jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, jew
- jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta;

jekk il-veloċità massima ddisinjata, it-torque massimu u l-qawwa massima netta tal-magna tal-vetturi jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 95/1/KE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 2004, Stati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE għal kwalunkwe tip ġdid ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta għal raġunijiet li jirrelataw għall-veloċità massima ddisinjata, it-torque massimu u l-qawwa massima netta tal-magna jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 95/1/KE, kif emendata b'din id-Direttiva, mhumiex sodisfatti.

Artikolu 3

1. Stati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta Stati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandu jkollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Stati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Mejju 2002.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 72.

⁽²⁾ ĠU L 106, tat-3.5.2000, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 52, tat-8.3.1995, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 18, tal-21.1.2002, p. 1.

L-ANNESS

L-Annessi mad-Direttiva 95/1/KE huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-punt 5 it-tieni linja hija sostitwita b'dan li ġej:
"Pressjoni atmosferika: 97 ± 10 kPa."
- (b) fil-punt 5 il-ħames linja hija sostitwita b'dan li ġej:
"Veloċità medja tar-riħ, imkejla 1 m 'l fuq mill-art: < 3 m/s, permessi l-buffuri < 5 m/s."

2. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

- (a) fl-Appendiċi 1, il-punt 3.1.2, it-Tabella 1, l-ewwel sentenza tan-nota ⁽³⁾ hija sostitwita b'dan li ġej:
"Ir-radjatur, il-fann, iż-żennuna tal-fann, il-pompa ta' l-ilma u t-termostat għandhom, fuq il-bank tat-test, jikkupaw sa fejn possibbli l-istess pożizzjoni relattivi għal xulxin bħallikieku kienu fuq il-vettura. Jekk ir-radjatur, il-fann, iż-żennuna tal-fann, il-pompa ta' l-ilma u/jew it-termostat għandhom pożizzjoni fuq il-bank tat-test li hija differenti minn dik fuq il-vettura, il-pożizzjoni fuq il-bank tat-test għandha tiġi deskritta u nnutata fuq ir-rapport ta-test."

- (b) fl-Appendiċi 1, il-punt 4.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.1. **Definizzjoni tal-fatturi α_1 u α_2**

Fatturi li permezz tagħhom it-*torque* u l-qawwa mkejla għandhom jiġu mmultiplikati sabiex jiġu determinati t-*torque* u l-qawwa tal-magna, b'kont meħud ta' l-effiċjenza tat-trażmissjoni (fattur α_2) wżata tul it-testijiet u sabiex dik it-*torque* u dik il-qawwa jingħiebu fil-kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza speċifikati f' 4.2.1 (fattur α_1).

Il-formola tal-korrezzjoni tal-qawwa hija kif ġejja:

$$P_0 = \alpha_1 \cdot \alpha_2 \cdot P$$

fejn:

P_0 = il-qawwa kkorreġuta (jiġifieri il-qawwa taħt il-kondizzjonijiet ta' referenza fl-aħħar tal-manovella)

α_1 = il-fattur ta' korrezzjoni għal kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza

α_2 = il-fattur ta' korrezzjoni għall-effiċjenza tat-trażmissjoni

P = il-qawwa mkejla (il-qawwa osservata)."

- (ċ) fl-Appendiċi 1, il-punt 4.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.3. **Determinazzjoni tal-fatturi ta' korrezzjoni**

4.3.1. **Determinazzjoni tal-fattur α_2**

- Fejn il-punt tal-kejl huwa n-naħa ta' l-*output* tal-manovella dan il-fattur huwa ugwali għal 1.
- Fejn il-punt tal-kejl mhuwiex in-naħa ta' l-*output* tal-manovella dan il-fattur huwa kkalkolat permezz tal-formola:

$$\alpha_2 = \frac{1}{n_t}$$

fejn n_t hija l-effiċjenza tat-trażmissjoni allokata bejn il-manovella u l-punt tal-kejl.

Din l-effiċjenza ta' trażmissjoni n_t hija determinata permezz tal-multiplikazzjoni ta' l-effiċjenza n_j ta' kull waħda mill-komponenti tat-trażmissjoni:

$$n_t = n_1 \cdot n_2 \cdots n_j$$

L-effiċjenza n_j ta' kull waħda mill-komponenti tat-trażmissjoni tidher fit-tabella li ġejja.

Tip		Effiċjenza
Ir-rota tal- <i>gear</i>	l-ingranaġġ ċilindriku	0,98
	l-ingranaġġ bis-snien	0,97
	l-ingranaġġ koniku	0,96
Il-Katina	Roller	0,95
	Silenzjuża	0,98

Tip		Effiċjenza
Iċ-ċinturin	Bis-snien	0,95
	trapezju	0,94
Agganċjar jew konvertitur idrawliku	L-agganċjar idrawliku ⁽¹⁾	0,92
	Il-konvertitur idrawliku ⁽¹⁾	0,92

⁽¹⁾ Jekk mhux imsakkar.

4.3.2. Determinazzjoni tal-fattur α_1 ⁽¹⁾

4.3.2.1. Id-Definizzjoni tal-karatteristiċi T, P_s għal fatturi ta' korrezzjoni α_1

T = it-temperatura assoluta ta' l-arja inġestita

P_s = il-pressjoni niexfa atmosferika f'kilopascals (kPa) jiġifieri il-pressjoni barometrika totali naqqas il-pressjoni tal-vapur ta' l-ilma.

4.3.2.2. Fattur α_1

Il-fattur ta' korrezzjoni α_1 huwa ottenut minn dan li ġej

$$\alpha_1 = \left(\frac{99}{P_s} \right)^{1,2} \cdot \left(\frac{T}{298} \right)^{0,6}$$

Dik il-formola tapplika biss jekk:

$$0,93 \leq \alpha_1 \leq 1,07$$

Jekk il-valuri limiti jinqabżu il-valur ikkorreġut ottenut għandu jiġi dikjarat u l-kondizzjonijiet tat-test (temperatura u pressjoni) dikjarati eżattament fir-rapport tat-test.

⁽¹⁾ It-test jista' jitwettagħ fi kmamar tat-test bit-temperatura kkontrollata fejn il-kondizzjonijiet atmosferiċi jistgħu jiġu kkontrollati."

(d) fl-Appendiċi 1, il-punti 4.4 u 4.5 jitħassru;

(e) fl-Appendiċi 1, il-punt 6.1, "1,5 %" huwa sostitwit b"3 %";

(f) fl-Appendiċi 2, il-punt 3.1.2, Tabella 1, l-ewwel sentenza tan-Nota ⁽³⁾ hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-radjatur, il-fann, iż-żennuna tal-fann, il-pompa ta' l-ilma u t-termostat għandhom, fuq il-bank ta-test, jokkupaw sa fejn possibbli l-istess pożizzjoni relattivi għal xulxin daqs li kieku kienu fuq il-vettura. Jekk ir-radjatur, il-fann, iż-żennuna tal-fann, il-pompa ta' l-ilma u/jew it-termostat għandhom pożizzjoni fuq il-bank ta-test li hija differenti minn dik fuq il-vettura, il-pożizzjoni fuq il-bank tat-test għandha tiġi deskritta u nnutata fuq ir-rapport tat-test."

(g) fl-Appendiċi 2, il-punt 4.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.1. Definizzjoni tal-fatturi α_1 u α_2

Fatturi li permezz tagħhom it-torque u l-qawwa mkejla għandhom jiġu mmultiplikati sabiex jiġu determinati t-torque u l-qawwa tal-magna, b'kont meħud ta' l-effiċjenza tat-trażmissjoni (fattur α_2) użata tul it-testijiet u sabiex dik it-torque u dik il-qawwa jingjiebu fil-kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza speċifikati f'4.2.1 (fattur α_1).

Il-formola tal-korrezzjoni tal-qawwa hija kif ġej:

$$P_0 = \alpha_1 \cdot \alpha_2 \cdot P$$

fejn:

P_0 = il-qawwa kkorreġuta (jiġifieri il-qawwa taħt il-kondizzjonijiet ta' referenza fl-aħħar tal-manovella)

α_1 = il-fattur ta' korrezzjoni għal kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza

α_2 = il-fattur ta' korrezzjoni għall-effiċjenza tat-trażmissjoni

P = il-qawwa mkejla (il-qawwa osservata)."

- (h) fl-Appendiċi 3, il-punt 3.1.3, Tabella 1, l-ewwel sentenza tan-nota ⁽⁵⁾ hija sostitwita b'dan li ġej:
- “Ir-radjatur, il-fann, iż-żennuna tal-fann, il-pompa ta' l-ilma u t-termostat għandhom, fuq il-bank tat-test jikkupaw l-istess pożizzjoni relattivi għal xulxin daqs li kieku kienu fuq il-vettura. Jekk ir-radjatur, il-fann, iż-żennuna tal-fann, il-pompa ta' l-ilma u/jew it-termostat għandhom pożizzjoni fuq il-bank tat-test li hija differenti minn dik fuq il-vettura, il-pożizzjoni fuq il-bank tat-test għandha tiġi deskritta u nnutata fuq ir-rapport tat-test.”

- (i) fl-Appendiċi 3, il-punt 4.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4.1. **Definizzjoni tal-fatturi α_d u α_2**

Fatturi li permezz tagħhom it-*torque* u l-qawwa mkejla għandhom jiġu mmultiplikati sabiex jiġu determinati t-*torque* u l-qawwa tal-magna, b'kont meħud ta' l-effiċjenza tat-trażmissjoni (fattur α_2) użata tul it-testijiet u sabiex dik it-*torque* u dik il-qawwa jingjebu fil-kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza speċifikati f' 4.2.1 (fattur α_d).

Il-formola tal-korrezzjoni tal-qawwa hija kif ġej:

$$P_0 = \alpha_d \cdot \alpha_2 \cdot P$$

fejn:

P_0 = il-qawwa kkorreġuta (jiġifieri il-qawwa taħt il-kondizzjonijiet ta' referenza fl-aħħar tal-manovella)

α_d = il-fattur ta' korrezzjoni għall-kondizzjonijiet atmosferiċi ta' referenza

α_2 = il-fattur ta' korrezzjoni għall-effiċjenza tat-trażmissjoni (ara l-Appendiċi 2, il-punt 4.3.1)

P = il-qawwa mkejla (il-qawwa osservata).”

- (j) fl-Appendiċi 3, il-punt 4.4, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

“4.4. **Determinazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni α_d ⁽¹⁾**.”